MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 331/2004/1

**Alcasons & Co. Ltd. ezercenti n-negozju taht l-isem Amalgamated Launderers and Dry Cleaners**

**v.**

**1. Joseph Borg**
**2. Limelight Hotels Limited**
**3. Benelux Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni ta' dezerzjoni sollevata llum mill-Avukat Dott. Vincent Galea ghas-socjeta` appellata.

Jirrizulta li f'dan il-kaz is-sentenza appellata tal-4 ta' Gunju 2004 inghatat fil-konfront ta' Joseph Borg, ta' Limelight Hotels Limtied u ta' Benelux Holdings Limited. Appellaw biss Joseph Borg u Benelux Holdings Limited u ghalhekk il-partijiet – il-partijiet kollha – li kellhom jigu notifikati entro t-terminu ta' sena bir-rikors ta' l-appell kienu s-socjeta` appellata (Alcasons & Co. Ltd) kif ukoll is-socjeta` Limelight Hotels Limited. Sal-lum din ta' l-ahhar ghadha ma gietx notifikata bir-rikors ta' appell li gie pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2004. Hu appena necessarju jigi rilevat li tali eccezzjoni tista' tigi sollevata wkoll ex officio: ara, fost ohrajn, Mark Micallef v. Kontrollur tad-Dwana et, Qorti ta' l-Appell, 2 ta' Dicembru 2005; Formosa & Camilleri noe et v. W.J. Parnis England noe et, Qorti ta' l-Appell, 8 ta' Gunju, 2004.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, jiskatta dak provdut fl-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12.

Konsegwentement tiddikjara l-kawza dezerta fit-termini ta' l-imsemmija disposizzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------